MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 692/2010

**A & M Printing Limited (C5045)**

**vs**

**Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Mejju 2010, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37), bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------